MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2008

Rikors Numru. 669/2008

**BANK OF VALLETTA p.l.c (C-2833)**

**vs**

**SMEIR,** Isabella

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf imressaq fis-27 ta' Gunju, 2008, li bih u ghar-ragunijiet hemm imfissra l-Bank rikorrent talab li l-Qorti terga' taghmel ezekuttiva sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta' Ottubru, 1990 fil-kawza fl-ismijiet premessi (Cit Nru 447/90AD) u dan billi ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret ezekuttiva;

Rat it-Twegiba mressqa mill-intimata fl-1 ta’ Ottubru, 2008, li biha u ghar-ragunijiet hemm imfissra laqghet ghat-talba tal-Bank rikorrent;

Rat il-verbal tas-smigh tat-2 ta’ Ottubru, 2008, li bih u wara li semghat lill-avukati tal-partijiet, halliet il-kawza ghal-lum ghall-provi tal-partijiet;

Rat in-Nota mressqa mill-Bank rikorrent fl-24 ta’ Novembru, 2008, li maghha kien hemm mehmuza x-xhieda bl-affidavit ta’ Joseph Grixti u ghadd ta’ dokumenti;

Rat in-Nota mressqa mill-intimata waqt is-smigh tal-lum li biha rregistrat l-ammissjoni taghha ghat-talba tal-Bank rikorrent;

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti tirrizulta gustifikata u ghalhekk tilqa’ t-talbiet ta’ l-istess rikorrenti, fuq ammissjoni tal-intimata.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------